MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 49/2006

**Andrew Briffa (I.D. 505376 M) u Antonella Briffa (I.D. 779 M)**

**vs.**

**Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Kostituzzjonali ta' Andrew Briffa u Antonella Briffa datat 6 ta' Ottubru 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponenti huma proprjetarji tad-dar residenzjali taghhom "The Weeping Madonna" Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Birzebbugia, u ufficini, mhazen u bitha tax-

xoghol, *oltre* arja fabbrikabbli, fil-kuntrada 'ta' Benghajsa', fil-limiti ta' Kalafrana, Birzebbugia, tal-kejl komplessiv ta' cirka erbat elef, sitt mija u tlieta u tmenin metri kwadri (4,683), akkwistati minnhom b' zewg kuntratti wiehed tal-20 ta' Marzu 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (Dokument "A"), u l-iehor tal-4 ta' Dicembru 2004 fl-atti tan-nutar Dottor Jonathan Zammit (Dokument "B").

Illi madwar sena ilu l-esponenti saru jafu li l-propjreta` taghhom tinsab kolpita b' dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni, li dwarha hemm pendenti quddiem il-Bord ta' Arbitragg Dwar Artijiet proceduri fl-ismijiet **Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Avukat Thomas Abela LLD et** (Rikors 3/1985).

Illi mill-atti tal-process jirrizulta li b'ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 1969, l-intimat Kummissarju ta' l Art innotifika lill-Avukat Dr. Giuseppe Pace u lill-Prokuratur Legali Roberto Dingli, kuraturi deputati nominati b'digriet tat-22 ta' Frar 1969 biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien mhux maghrufa jew incerti, bid-dikjarazzjoni msemmija, li permezz taghha l-Gvernatur Generali ddikjara li l-artijiet hemm imsemmija, inkluza dik tal-esponenti, kienu mehtiega ghal skopijiet pubblici u l-akkwist taghhom kellu jsir b'xiri assolut, kif ukoll b'Avviz ghall-Ftehim fejn kien hemm offert kumpens ta' erba' mija u hamsin lira (Lm450) ghall-imsemmi xiri assolut;

Illi mill-istess atti processwali jirrizulta wkoll li b'ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu 1969, l-imsemmija Avukat Dottor Giuseppe Pace u l-Prokuratur Legali Roberto Dingli gharrfu lill-intimat Kumissarju tal-Art li bhala kuraturi, huma la setghu jaccettaw u lanqas jirrifjutaw il-prezzijiet offerti minnu ghax-xiri b'titolu assolut tal-art imsemmija, fosthom dik tal-esponenti, u ghalhekk irrimettew ruhhom ghall-prezzijiet gusti li jigu stabbiliti mil-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet;

Illi b'rikorsipprezentat fil-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet fil-5 ta' Frar 1985, l-Agent Kummissarju ta' l-Art ipproceda kontra l-imsemmi Avukat Dottor Thomas Abela u l-Prokuratur Legali Bededict H Dingli ghat-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut, bhala franki u liberi, tal-porzjonijiet

esproprjati, fosthom dik tal-esponenti, u sabiex l-istess Bord jiffissa l-kumpens relattiv;

Illi mill-1969 sallum, minkejja d-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni u l-procedimenti imsemmija, l-intimat Kummissarju ta' l-Art qatt ma ha pussess tal-porzjon proprjeta` tal-esponenti, u qatt ma utilizzaha bl-ebda mod, u jidher li ma hemm ebda interess pubbliku li l-proprjeta` tal-esponenti tigi mehuda mill-intimati;

Illi *inoltre* meta saret id-dikjarazzjoni tal-esproprjazzjoni, l-intimati ma kellhom ebda bzonn attwali li jutilizzaw l-art proprjeta` tal-esponent ghal skop pubbliku;

Illi mill-banda 'l ohra, l-esponenti ottjenew regolarment il-premessi tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ghall-izvilupp tal-art akkwistata minnu, u bena fuqha l-proprjeta` taghhom fuq imsemmija.

Illi minkejja dan, l-intimat Kummissarju tal-Art u l-Gvern ghadhom qed jirrifjutaw li jirrilaxxaw l-art tal-esponenti;

Illi dan kollu jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti protetti bl-**artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni**, u bl-**artikolu 6 (1)** u l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-esproprjazzjoni tas-sit fuq deskritt, illum okkupat mid-dar, ufficini, mahzen u bitha tax-xoghol, *oltre* arja fabbrikabbli, fil-kuntrada 'ta' Benghajsa', fil-limiti ta' Kalafrana, Birzebbugia, proprjeta` tal-esponent, tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom kif fuq inghad u senjatament fl-**artikolu 37 tal-kostituzzjoni** u bl-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni**, kif ukoll bl-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** u bl-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni**, billi ma saritx ghal skop pubbliku;

2. Konsegwentament, tiddikjara li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali (paragrafu 18 tan-Nofikazzjoni tal-Gvern numru 160/69) pubbliku fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Frar 1969 m' ghandha ebda effett lagali.

3. Taghmel dawk d-dikjarazzjonijiet, taghti dawk ir-rimedji u l-provedimenti kollha mehtiega biex tizgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-Qorti datat fid-9 ta' Ottubru 2006 a fol. 11 tal-process fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 13 ta' Ottubru 2006 a fol. 15 tal-process fejn esponew:-

(1) Preliminarjament illi huwa indikat li din l-Onorabbli Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors *stante* li r-rikorrenti naqsu milli jipprocedu ghad-difiza ta' l-allegati jeddijiet taghhom billi jutilizzaw rimedji ordinarji, specifikament permezz ta' azzjoni quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla fil-gurisdizzjoni Civili taghha.

(2) Illi *inoltre* r-rikorrenti ghadhom lanqas ma ipprocedew quddiem l-istess Prim' Awla, u sussegwentement quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet sabiex jinfurmaw lill-istess Bord illi huma wkoll sidien tal-art jew parti mill-art mertu tal-vertenza li tinsab quddiemu. Fil-fatt, l-esponent Kummissarju ta' l-Artijiet kien fetah kawza quddiem il-Bord – Agent Kummissarju ta' l-Artijiet vs Avukat Thomas Abela LLD. Et (Rik. 3/1985) kontra kuraturi sabiex jirraprezentaw lis-sidien ta' medda ta' art esproprjata gewwa Birzebbugia, li issa r-rikorrenti qeghdin jallegaw li permezz ta' zewg kuntratti ta' xiri saru sidien ta' parti minnha. Izda billi kif diga` issemma' r-rikorrenti ghadhom ma dahlux formalment fil-proceduri, u ghalhekk ghadu ma giex stabbilit ezattament jekk l-art taghhom hijiex taghhom u per konsegwenza, ghadu m'huwa xejn car ghall-esponent jekk ir-rikorrenti humiex tassew sidien ta' l-art minnu esproprjata. L-incertezza tinhass aktar minhabba l-fatt li d-dominju tas-sidien l-ohrajn tal-art li huma konvenut

quddied il-Bord jikkonsisti necessarjament f'sehem indiviz mill-istess art.

(3) Illi huwa fatt maghruf li l-permessi moghtija lill-applikant mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jinghataw bla pregudizzju ghall-jeddijiet ta' min verament ikun is-sid ta' l-art. *Stante* li r-rikorrenti m'humiex qed jallegaw li l-procedura ta' esproprijazzjoni mwettqa mill-esponent Kummissarju tal-Artijiet twettqet b'mod inkorrett fil-konfronti taghhom, isegwi ghalhekk li issa huwa l-Gvern ta' Malta li sar is-sid tal-art u r-rikorrenti, jekk tassew xtraw minghand sidien, jistghu biss jersqu sabiex jinghataw kumpens.

(4) Illi ghar-rigward tar-rifjut min-naha tal-esponent Kummissarju tal-Artijiet illi jirrilaxxa l-art rekwizazzjonata, din l-Onorabbli Qorti bla dubju tifhem illi l-art tinsab fil-vicinanza immedjata ta' progett ferm importanti ghall-pajjiz, u billi kien ilu jigi ppjanat illi l-art li jokkupa tali progett tigi estiza, liema evidenza waslet issa biex finalment issehh, l-esponent la seta' qabel u wisq anqas ma jista' issa jirrilaxxa l-imsemmija art.

(5) Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Art u l-Avukat Generali datat 14 ta' Gunju 2007 (105) fejn talbu lill-Qorti sabiex jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri, liema eccezzjonijiet gew annessi f'nota ghal-skopijiet ta' speditezza tal-proceduri; u l-Qorti, bid-digriet taghha tad-19 ta' Gunju 2007 laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-Kummissjarju tal-Art u l-Avukat Generali datata 14 ta' Gunju 2007 a fol. 108 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi in kwantu bbazati fuq l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** d-domandi attrici huma irrecevibbli fit-termini tal-**artikolu 47 (9) tal-istess Kostituzzjoni** *stante* li jirrigwardaw l-operat tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta'

Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (**Kap.88**) li huwa ezantat mill-operat tal-**Artikolu 37** in forza ta' 'l fuq imsemmi **Artikolu 47 (9);**

2. Illi kwantu bbazati fuq l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** l-talbiet attrici huma irrecevibbli *ratione temporis* fit-termini tal-**Artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987** *stante* li t-tehid tal-pussess in kwistjoni, li huwa att istantaneju u mhux kontinwat, sar fl-1969.

Rat il-verbali tas-seduti nkluza dik tad-19 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghar-rikorrenti. Dehru Margaret Falzon u Peter Mamo ghall-intiamt Kummissarju tal-Artijiet. Dr. Pawlu Lia esebixxa kopja ta' sentenza **"Pawlu Cachia vs AG et"** tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fit-28 ta' Dicembru 2001, u rriliva li d-dikjarazzjoni tal-President qieghda esebita permezz ta' nota a fol. 86 *et seq* bhala Dok. "FM" u n-"*Notice to Treat*" hija esebita bl-istess nota a fol. 100 bhala Dok. "FM 1". F' dan l-istadju dahal Dr. Hubert Theuma. Dr. Pawlu Lia irrileva li l-kawza ndikata fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-intimati li fiha r-rikorrenti intervjenew tinsab sospiza pendenti l-ezitu ta' din il-kawza. Dr. Theuma talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-intimat biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-*visto*/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett t'ostacolo* ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza kostituzzjonali dwar proprjeta' tar-rikorrenti konsistenti fid-dar residenzjali taghhom "The Weeping Madonna" Triq l-Immakulata Kuncizzjoni,

Birzebbugia, u ufficini, mhazen u bitha tax-xoghol, *oltre* arja fabbrikabbli, fil-kuntrada ‘ta’ Benghajsa’, fil-limiti ta’ Kalafrana, Birzebbugia, tal-kejl komplessiv ta’ cirka erbat elef, sitt mija u tlieta u tmenin metri kwadri (4,683), akkwistati minnhom b’zewg kuntratti wiehed tal-20 ta’ Marzu 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (Dokument “A”), u l-iehor tal-4 ta’ Dicembru 2004 fl-atti tan-nutar Dottor Jonathan Zammit (Dokument “B”) li b’dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali (Dok. “FM” – fol. 87) datata 13 ta’ Frar 1969 inghad li kien hemm bzonnha ghall-skopijiet pubblici u b’ittra ufficjali datata 14 ta’ Frar 1969 (Dok. “FM1) l-intimat il-Kummissarju tal-Art innotifika lill-Avukat Giuseppe Pace u lill P.L. Roberto Dingli bhala kuraturi deputati ta’ sidien mhux maghrufa tal-istess art li l-imsemmija art kienet mehtiega ghal skop pubbliku u b’Avviz ta’ Ftehim li offra kumpens ta’ Lm450, liema ammont ma giex accettat; fil-5 ta’ Frar 1985 l-Assistent Kummissarju tal-Artijiet ipproceda kontra Dr. Thomas Abela u l-P.L. Benedict Dingli quddiem il-Bord tal-Arbitragg ghat-trasferiment b’titolu ta’ xiri assolut tal-art hemm indikata fosthom dik tar-rikorrenti li l-istess proceduri ghadhom illum pendenti fil-kaz fl-ismijiet “Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Avukat Thomas Abela LL.D et” (Rikors 3/1985).

Illi l-istess art mill-1969 sallum baqghet fil-pussess tar-rikorrenti, b’dan li l-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma utilizza l-istess u r-rikorrenti qed jallegaw li ma hemm l-ebda interess pubbliku li l-istess art tigi utilizzata ghal skop pubbliku, u lanqas kien hemm bzonn attwali sabiex l-istess art tigi utillizata ghal skop pubbliku dak iz-zmien li saret l-imsemmija dikjarazzjoni tal-esproprijazzjoni; fil-fatt ir-rikorrenti ottjenew il-permessi ghall-izvilupp tal-istess art mill-MEPA u sabiex hareg dan jidher li ma kienx hemm oggezzjoni *da parte* tal-istess intimati; minkejja dan ir-rikorrenti jsostnu li l-art ma gietx rilaxxata u ghalhekk saret din il-kawza sabiex jigi ddikjarat li l-esproprjazzjoni tal-istess art fic-cirkostanzi ndikati ladarba din ma saritx ghal skop pubbliku din tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti skond l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu**

**6 (1) tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni,** u b'hekk tiddikjara li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur General tat-13 ta' Frar 1969 ma ghandha ebda effett legali u sabiex konsegwentement din il-Qorti taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet u taghti dawk ir-rimedji necessarji sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi fl-ewwel lok l-intimati ssollevaw l-eccezzjoni li r-rikorrenti ma' ezawrewx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha u dan ghaliex huma ma intervenewx fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet u wkoll ghaliex ma ghamlux azzjoni *ad hoc.*

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u din il-Qorti thoss li t-termini tal-istess artikolu ma jaghmluhiex tassattiva li l-istess Qorti tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha moghtija bl-imsemmi artikolu kull meta jirrizulta li kien hemm jew ghad hemm il-possibilita' ta' proceduri ordinarji a disposizzjoni tar-rikorrenti.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz, fejn ir-rikorrenti qed jittentaw jivvendikaw favur taghhom drittijiet fundamentali, tant li qed isostnu li dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni ta' proprjeta' taghhom li ilha li saret minn 1969 ghadha *in vigore,* u l-proceduri konsegwenti ghall-istess ghadhom sallum ghaddejjin (illum bl-involviment taghhom), b'dan li l-istess rikorrenti qed jallegaw li tali dikjarazzjoni ta' esproprju qed tilledi *inter alia* d-drittijiet ta' proprjeta' taghhom fuq l-immobbli ndikati, proprju ghaliex l-istess intimati baqghu ma ghamlux uzu mill-istess art, u b'dan li allura l-art ma kienitx u ma hijiex mehtiega ghal skop pubbliku, dawn huma lanjanzi ta' portata ferm gravi li fl-opinjoni tal-Qorti jimmeritaw li jigu approfonditi f'din il-kompetenza kostituzzjonali.

Illi dan qed jinghad anke ghaliex ma jirrizultax li bl-involviment tal-istess rikorrenti fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet huma jistghu jinghataw xi rimedju effettiv ghall-lanjanzi hawn sollevati, u wkoll ma giex ippruvat li l-istess rikorrenti kellhom xi rimedji ohra

b'mezzi ordinarji xierqa, certi, u effikaci u effettivi sabiex jottjenu rimedju ekwu ghal-lamenteli taghhom. Lanqas ma jirrizulta li huwa desiderabbli li din il-Qorti tirrifjuta li tesercita l-poteri moghtija lilha mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea. **("Paolo Farrugia et vs Kummissarju tal-Artijiet"** (P.A. (GC) – 20 ta' Ottubru 2008). B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi l-intimati fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghhom eccepew li l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa inapplikabbli *rationae temporis* fit-termini tal-**artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987** *stante* li t-tehid ta' pussess huwa att istantanju u mhux kontinwat u sar fis-sena 1969.

Illi **l-artikolu Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi s-segwenti:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi nternazzjonali.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Illi kif gie ritentut fis-sentenza **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** (Q.K. 28 ta' Dicembru 2001), dan l-artikolu fil-fatt jennuncja tliet principji li, fil-kaz konkret jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella *in combination*. Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz **"Sporrong and Lonroth vs Sweden" (1982)**:-

*"….. this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature which enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph,*

*covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule ....." (A 52 para. 61).*

Illi dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, ***Harris, O'Boyle u Warwick*** fil-ktieb taghhom **"Law of the European Convention on Human Rights"** (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:-

*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article ½. For example, in the <u>Sporrong and</u> <u>Lonnroth</u> case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the <u>Sporrong and Lonnroth</u> case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1] ......the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of die general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521,522).*

Illi fil-kaz in kwistjoni l-art baqghet fil-pussess tal-istess rikorrenti u l-intimati qatt ma hadu pussess tal-istess u lanqas akkwistaw l-istess, tant li l-proceduri ghall-akkwist tal-istess ghadhom pendenti quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Kwistjonijiet simili diga' gew ezaminati fis-sentenza **"John Mousu et vs id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et"** (Q.K. 6 ta' Ottubru 1999 – Vol.DXXXIII.i.246) u fis-sentenza fl-ismijiet **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** (Q.K. - 28 ta' Dicembru 2001) fejn inghad li meta l-Ordinanza in kwistjoni kienet originarjament promulgata, il-Legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u disponibbilta' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprjata, imma wkoll ghall-process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke` bit-twaqqif ta' Tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali:

*"Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin, u xi darba jhallas il-kumpens".*

Illi fil-kaz in ezami huwa wiehed fejn il-proprjeta' giet milquta minn dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni mill-Gvern ghal skop pubbliku, imma fejn ma ittehidtx il-pussess tal-istess art u fejn il-process ta' esproprjazzjoni ma giex finalizzat ghaliex il-kuntratt finali ghadu ma sarx tant li ghadhom pendenti proceduri f'dan is-sens u sabiex jigi llikwidat il-kumpens.

Illi fil-fatt fil-kaz odjern fit-13 ta' Frar 1969 gie ddikjarat permezz ta' Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li l-art in kwistjoni kienet qed tigi esproprjata ghal skop pubbliku. Din l-art qatt ma giet rilaxxjata lura lir-rikorrenti li baqghu anke fil-pussess materjali taghha u wisq anqas ma sar kuntratt finali sabiex il-Gvern jakkwista l-proprjeta' taghhom. Ghalhekk din il-Qorti taqbel kompletament ma' dak li kkonkludiet il-Qorti Kostituzzjonali f'**"Cachia vs Avukat Generali et"** u dak ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Bezzina Wettinger vs Kummissarju tal-**

**Artijiet"** (P.A. (RCP) – 22 ta' Marzu 2002) fejn kien inghad li l-portata tad-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali li ppromulgaw il-hsieb tal-Gvern li jesproprja l-proprjeta' in kwistjoni ma huwiex att istantanju imma biss l-ewwel att ta' process kontinwat illi ghadu mhux mitmum u li konsegwentement, jekk jirrizulta illi f'xi zmien sakemm jigi finalment rejalizzat kien hemm lezjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti dan seta' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni f'dan il-kaz tal-Konvenzjoni. Kif kompliet l-istess Qorti:

*"Bizzejjed jinghad illi d-dikjarazzjoni Presidenzjali nfisha titkellem f'termini futuri u mhux f'termini attwali fir-rigward tat-tehid tal-proprjeta'. Infatti il-Gvernatur Generali (illum il-President tar-Repubblika) jiddikjara illi l-art kienet mehtiega mill-awtorita' kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' l-artijiet ghal skopijiet pubblici u 'illi l-akkwist taghha <u>ghandu jkun</u> b'xiri assolut'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi d-dritt tal-proprjeta' fuq l-art jibqa' tas-sid sakemm effettivament jigi pubblikat l-att definittiv li bih din tigi legalment trasferita mill-Gvern. Id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss allura restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjeta' minn sidha, u tinvesti lill-Istat bid-dritt li jaghmel uzu mill-istess proprjeta' ad eskluzjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni. Ma hemm allura xejn istantanju fid-dikjarazzjoni presidenzjali. Ghall-kuntrarju hi dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma tippriva lill-proprjetarju mid-dritt u mit-titolu li kellu fuq l-art. Tillimitalu biss l-uzu taghha. Limitazzjoni li l-Istat jista', meta u x'hin irid, inehhi. 'Chi bolla sbolla'. 'The Court has endorsed the notion of a continuing violation of the Convention and its effects as to temporal limitation of the competence of the Convention organs. Accordingly the present case concerns alleged violations of a continuing nature of the applicant, for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1 and Art. 8 of the Convention can still be regarded as the legal owner of the land'.(**Loizidou vs Turkey**, 1996 23 E.IH. R.513).*

Illi mbaghad il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghal sentenzi tal-Qorti Ewropea u din il-Qorti wkoll

taghmel riferenza ghalihom u taddotta l-insenjamenti taghhom. B'hekk la darba l-limitazzjoni ta' l-uzu tal-proprjeta' da parti tas-sid ma kienitx wahda ta' effett ta' att istantanju, allura l-interferenza da parti tal-Istat kienet ta' natura kontinwata u kienet ghadha tippersisti sal-lum u b'hekk din l-eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri l-ohra fis-sens li in kwantu jirrigwardaw l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** dawn huma salvati b'dak li hemm fl-**artikolu 47 (9)** peress li dan jirrigwarda l-operat tal-**Kap. 88** li huwa ezentat mill-operat ta' l-**artikolu 37** in forza tal- **artikolu 47 (9) artikolu 47 (9),** din il-Qorti tinnota li dak li qed jigi attakat b'din il-kawza ma humiex id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 88,** izda li d-dikjarazzjoni ta' dak iz-zmien tal-Gvernatur Generali li ghandu bzonn l-akkwist ta' l-istess art ghal skopijiet pubblici u l-proceduri sussegwenti ghall-istess, li ghadhom ma humiex konkluzi, qed jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fuq l-istess proprjeta'.

Illi dan ghaliex qed jigi allegat li l-istess dikjarazzjoni ma saritx ghal skopijiet pubblici u allura mhux skond il-ligi, tant li sallum ir-rikorrenti la ha pussess taghha, la ghamel uzu minnha u wisq anqas akkwistaha minkejja li l-istess dikjarazzjoni saret fis-sena 1969, u din il-Qorti thoss li la darba kif inghad tali dikjarazzjoni ta' esproprju hija biss parti mill-process ghall-akkwist ta' l-istess art, process li ghadu fil-fatt fil-bidu tieghu ghaliex minn dak inhar ma sar xejn, dan ifisser li qed jigi hawn trattat att li ma huwiex istantanju u ghadu fil-process li jigi attwat, tant li l-effett tieghu ghadu jippersisti sallum peress li l-procedura sabiex tigi akkwistata l-art ghadha miexja sallum u b'hekk mhux konkluza u minhabba dan l-art *de quo* baqghet ma gietx rrilaxxata favur ir-rikorrenti u b'hekk ghadha kolpita b'dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni proprju bla ma gie konkluz jew esegwit l-istess akkwist.

Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda, peress li qed jigi attwalment attakat ma huwiex la l-ligi u lanqas l-applikazzjoni taghha, izda l-att ta' dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni allegatament abbusiva ghaliex ma saritx ghal skop pubbliku, process li ghadu ma giex konkluz, tant

li l-proceduri dwar l-istess ghadhom pendenti. (**"Salvatore Abdilla vs Onor. Seg. Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet"** – Q.K. – 30 ta' Mejju 2003).

Illi ghal dak li huwa l-mertu tal-azzjoni jirrizultaw il-fatti fuq esposti u li l-art sallum stess ghadha f'idejn ir-rikorrenti ghalkemm jinghad mir-rapprezentanta tal-Kummissarju tal-Artijiet Margaret Falzon (29 ta' Novembru 2006) li l-art iddikjarata bhala mehtiega ghal skopijiet pubblici mit-13 ta' Frar 1969 kienet intenzjonata ghall-estensjoni progettata tal-Freeport, progett li sehh izda li ma jkoprix l-istess art u hekk ghadha l-posizzjoni sallum wara tletin (30) sena mid-data tal-istess dikjarazzjoni.

Illi jirrizulta fit-22 ta' April 2002 Dr. Stanley Portelli ghan-nom tal-Malta Freeport Corporation Limited kien informa lill-*Government Property Division* tad-Dipartiment Governattiv relattiv li l-art kien hemm bzonnha ghal zvilupp fil-futur (Dok. "MF1"); tali zvilupp baqa' ma sarx tant li fil-31 ta' Awissu 2006 (Dok. "MF 2") s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Investiment, Industrija u Teknoligija ta' l-Informazzjoni fil-31 ta' Awissu 2006 informa lill-istess *Government Property Division* li l-Malta Freeport Corporation Limited kienet <u>ghadha qed tiddeciedi</u> jekk ghandhiex bzonn l-istess art ghall-espansjoni taghha u ghaliex sabiex taghmel dan kellha tiddetermina *"the feasabilty of the whole project"* u dan setghat taghmlu wara li tiehu inkonsiderazzjoni l-valur tal-istess proprjeta, l-ispejjez in konnessjoni mal-espropriazjoni tal-istess art, u valur ta' art li ghandu l-Gvern li tista' tigi trasferita (Dok. "MF2 – 1A – fol. 46 – ittra datata 22 ta' Awissu 2006).

Illi dan jikkonferma li fil-fatt fuq l-istess art ma kien sar xejn tant li skond ix-xhieda tal-Perit Charles Buhagiar (affidavit datat 2 ta' Frar 2007 – fol. 85) meta r-rikorrenti applika ghall-permess ghall-izvilupp tal-istess art, il-Bord tal-MEPA qabel ma hareg il-permess ghall-izvilupp tal-istess art lir-rikorrenti, kien sodisfatt li l-istess art ma kenitx mehtiega ghall-Freeport.

Illi fit-28 ta' Mejju 2007 (Dok. "MF 1" – fol. 113) ic-Chairman tal-Freeport, Mark Portelli informa lid-

Dipartimenti Governattivi kollha koncernati li l-art in kwistjoni ma kenitx mehtiega ghall-espansjoni tal-Freeport (xhieda ta’ Margaret Falzon tat-8 ta’ Novembru 2007).

Illi l-istess Mark Portelli fix-xhieda tieghu f’dawn l-atti kkonferma li l-istess art ma kienitx taghmel parti mill-progett tal-Freeport, u li sas-sena 2002 kien ghadhom qed jiddeciedu jekk fil-futur kienux ser jutilizzawaha fi progett li kien ghadu ma giex finalizzat u li fit-28 ta’ Mejju 2007 kien l-istess Freeport li ddecieda b’mod definittiv li tali art ma ghandux bzonnha u li setghet tigi rilaxxata u dan anke skond l-ittra tat-28 ta’ Mejju 2007 (Dok. “MF 1” 0 fol. 113) gja citata.

Illi b’hekk l-istess provi juru li fil-fatt l-istess art qatt ma giet inkorporata sabiex tkun parti mill-Freeport, u ghalkemm kien hemm hsieb li forsi f’xi zmien tali art setghet tigi, jekk jigi hekk deciz, tigi inkorporata fi progett ta’ espansjoni tal-Freeport, dan qatt ma mmaterjalizza u ma kienx wiehed cert jew ibbazat fuq xi konsiderazzjoni specifika, tant li ma sar xejn dwaru, u sas-sena 2002 l-istess l-entita’ tal-Freeport kienet ghadha qed tikkonsidra x’ghandha bzonn sabiex issir tali estensjoni li setghet tinkorpora l-istess art, u kien biss fis-sena 2007 li definitivament inghad li tali art ma kellhomx bzonnha ghall-kwalunkwe zvilupp jew espansjoni f’xi progett jew estensjoni tal-Freeport.

Illi fuq l-iskorta ta’ dawn il-fatti din il-Qorti thoss li gie ppruvat li ghal dik li hija l-art mertu tal-kawza odjerna la fis-sena 1969 u lanqas fis-snin ta’ wara ma gie identifikat b’mod konkret xi uzu li kien fl-interess pubbliku jew fl-interess generali  ghaliex kull ma kien hemm kien biss il-mera possibilita’ li fil-futur (li qatt ma gie) l-istess art setghet tigi nkluza f’xi progett ta’ espansjoni tal-Freeport. Illum hija haga certa li ma hemm u lanqas kien hemm l-ebda progett konkret intenzjonat ghall-istess art u dwar dan hemm dikjarazzjoni konklussiva f’dan is-sens mill-istess Freeport.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li ghalkemm is-setgha tal-Istat li jesproprja proprjeta’ ta’ individwi hija mehtiega f’socjeta’ demokratika biex jassiguraw l-

attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita' u dan huwa rikonoxxut anke fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni,** izda dan id-dritt ma' huwiex assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-limiti stabbiliti mhux biss mill-ligi li tawtorizza l-esproprju, izda wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni u f'dan il-kuntest l-operat ta' l-Istat huwa suggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji **("Onor. Perit Domenic Mintoff et vs Onor. Prim Ministru et"** – Q.K. 30 ta' April 1996).

Illi d-dritt ta' l-Istat huwa ghalhekk wiehed eccezzjonali u jista' jigi ezercitat biss skond il-ligi u biss fejn u sakemm huwa necessarju u ghalhekk isegwi li biex wiehed jiggustifika t-tehid ta' proprjeta' fl-interess pubbliku irid ikun identifikat b'mod konkret dak l-uzu fl-interess pubbliku u ghalkemm mhux necessarju li jkun identifikat progett specifiku li ghalih l-art tkun ser tigi jew tkun giet espropprijata, pero' din l-utilita' pubblika trid tirrizulta posittivament u mhux *"tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas huwa lecitu illi l-Istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possidementi tieghu, meta l-interess pubbliku jew interess generali, li kien originarjament jissussti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg"* **("Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** – Q.K. – 28 ta' Dicembru 2001).

Illi fuq il-bazi ta' dawn il-principji jirrizulta li ma kien hemm qatt ebda progett konkret ghall-istess art u f'dan il-kuntest anke ta' bilanc bejn l-interess tal-komunita' u dak tad-dritt fundamentali tal-bniedem mhux sufficjenti li jkun hemm progett fl-arja jew bil-mera possibbilta' ta' xi progett, ghaliex altrimenti facilment, taht pretest tal-interess pubbliku jigu eluzi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem; l-istess htiegijiet kif jirrizulta mill-atti tal-kawza dejjem kienu vagi ghall-ahhar u llum svanew ghall-kollox u b'hekk il-fatt li l-istess awtoritajiet baqghu jippersistu fil-proceduri ghall-istess espproprijazzjoni u ma rrilaxawx l-art indikata jimporta vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ma giex ippruvat li d-dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni saret ghal skop pubbliku u dan peress li l-istess art mis-sena 1969 qatt ma kienet inkorporata f'xi progett tal-istess Freeport, la meta dan effettivament sar, u lanqas sussegwentement meta sar jew seta' sar xi estensjoni tal-istess; ovvjament li l-istess art kienet mehtiega ghal skop pubbliku hija oneru ta' prova li dan jigi ppruvat mill-awtoritajiet kompetenti **("Anthony Pullicino et vs l-Avukat Generali"** – Q. K. 30 ta' April 2007); **"J. Lautier Company Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et"** (Q.K. – 20 ta' Marzu 2006), haga li ma saritx f'dan il-kaz, u jirrizulta li l-interess pubbliku ghall-esproprijazzjoni ta' din l-art kien mankanti kemm fil-mument tal-istess dikjarazzjoni u baqa' nieqes tul dan iz-zmien kollu u dan qed jinghad fil-kuntest ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** *"li allura l-interess pubbliku kellu jibqa' jissussisti sa dakinhar li jigi ppubblikat il-kuntratt. Jekk l-interess pubbliku ghal xi raguni jisfuma, jew ma jkunx ghadu jezisti u l-Istat jibqa' jzomm il-proprjeta' f'idejh bla raguni valida, hu kien minn hemm jivvjola l-jedd fundamentali tal-individwu ghat-tgawdija ta' dawk il-possedimenti tieghu"* . Din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz b'differenza per ezempju ghall-kaz ta' Anthony Pullicino fuq imsemmi u anke ta' dak konsidrat fis-sentenza Cachia, qatt ma kien hemm xejn specifiku dwar l-istess art, tant li l-awtoritajiet kompetenti qatt ma hadu lanqas pussess taghha, u lanqas ippruvaw jiehdu pussess taghha – ma hemm prova ta' l-ebda progett li kien jinkudi jew seta' jinkludi l-istess art – anzi kull ma kien hemm kien biss li fis-sena 2002 u fis-snin ta' wara kien ghad irid issir feasability study mill-istess entita' sabiex tara jekk ikunx jaqbel lilha fuq diversi kunsiderazzjonijiet spjegati anke f'dokumenti esebiti f'din is-sentenza jekk hija ghandhiex bzonn l-istess art. Fuq dak kollu li hemm f'din il-kawza u fuq il-prova migbura ma hemm xejn x'jindika li l-istess awtoritajiet kellhom xi progett konkret li kellu jinkorpora l-istess art u f'dan il-kuntest l-intenzjoni li xi darba setghet issehh estensjoni li tinkorpora l-istess art ma hijiex bizzejjed sabiex tikkwalifika tali att ta' esproprijazzjoni bhala wiehed ghal skop pubbliku, u in effetti l-fatt li fi 30

sena ma sar qatt xejn dwar l-istess art, anzi hargu permessi favur ir-rikorrenti jikkonferma dan.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz jista' jinghad li kien ghal kollox mcajpar kif kellha tigi inkorporata l-istess art fil-progett tal-Freeport, u dan f'kull zmien mid-data meta saret l-istess esproprijazzjoni sa meta l-istess entita' tal-Freeport iddikjarat li mhux qed tikkonsidra li ghandha bzonn l-istess art, b'dan li din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandu japplika l-insenjament abbracjat fil-kawza **"Francis Bezzina Wettinger et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet"** (Q.K. – 10 ta' Ottubru 2003) fejn f'dan il-kaz kien hemm stat neboluz fil-kuntest tad-destinazzjoni tal-istess art u f'dan il-kuntest il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali ma huwiex bizzejjed u lanqas lecitu sabiex jigi kkunsidrat li esproprijazzjoni ssir fl-interess pubbliku b'dan li l-individwu jigi pprivat mill-proprjeta' jew possedimenti tieghu. Issir riferenza wkoll ghal dak li inghad fis-sentenza **'Paolo Farrugia et vs Kummissarju tal-Artijiet"** (P.A. (GC) – 20 ta' Ottubru 2003) u dan fejn jittiehed tant zmien u snin sabiex jigi indikat x'tip ta' progett jew zvilupp isir fuq l-art in kwistjoni, zvilupp li f'dan il-kaz lanqas biss sar jew gie b'xi mod mibdi. Ghalhekk hemm ukoll ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.**

Illi dwar it-talba sabiex jigi ddikjarat li kien hemm ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 (1) tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** jirrizulta li minkejja li d-dikjarazzjoni saret fis-sena 1969 ir-rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg sar biss fil-5 ta' Frar 1985 u jidher li mill-atti tal-istess process li dan ir-rikors ghadu pendenti sallum u ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-komplessivita' tal-kaz u jiehu l-process fit-totalita' tieghu, jirrizulta lil din il-Qorti 16-il sena sabiex isir rikors lill-Bord, meta l-Kummissarju tal-Artijiet kien l-unika persuna li setghet tistitwixxi dawk il-proceduri skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 22 (3) tal-Kap 88** ta' dak iz-zmien, u wkoll it-trepass taz-zmien fl-istess kawza fejn jidher li kien hemm numru sostanzjali ta' differimenti li fihom ma sar xejn, tant li fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2004 hemm sahansitra verbalizzat li l-kawza kien gja ilha sejra dak in-nhar 19 il-sena, u minkejja dan il-kaz illum ghadha

pendenti, jikser id-disposizzjoni imsemmija ghall-smigh xieraq.

Illi dan fil-konfront ta’ dak ritenut fil-kuntest tal-art in kwistjoni relattiv ghar-rikorrenti odjern hija wahda iktar sinfikanti meta tikkonsidra li f’dan il-kaz tali esproprijazzjoni tal-art in kwistjoni ma kenitx ghal skop pubbliku ghar-ragunijiet hawn fuq gja indikati. Ghalhekk din il-Qorti thoss li anke f’dan il-kuntest tali talba ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati kontenuti kemm fir-risposta taghhom u kemm fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri taghhom, **tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-esproprjazzjoni tas-sit fuq deskritt, illum okkupat mid-dar, ufficini, mahzen u bitha tax-xoghol, *oltre* arja fabbrikabbli, fil-kuntrada ‘ta’ Benghajsa’, fil-limiti ta’ Kalafrana, Birzebbugia, proprjeta` tal-esponent, tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom kif fuq inghad u senjatament fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u bl-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni**, kif ukoll bl-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** u bl-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni**, billi ma saritx ghal skop pubbliku;

2. Konsegwentament, tiddikjara li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali (paragrafu 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 160/69) pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta’ Frar 1969 m’ghandha ebda effett legali u ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u bla effett.

3. Tordna li l-istess sit u art mertu ta’ din il-kawza ghandhom jigu kkunsidrati bhala rilaxxati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi favur l-istess rikorrenti u tiddikjara li kull procedura li ttiehdet kontra r-rikorrenti dwar l-istess sit u art fil-konfront tal-imsemmija rikorrenti huma kollha nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------